MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 200/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**
Manuel Falzon

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 ta' Jannar, 2006, ghall-habta tat-08.10 hrs, fi Triq il-Granmastru, Qormi:**
**1) saq vettura nru. IMY-323 mini bus ta' l-ghamla "Ford Transit" u ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort'ohra minn dak moghti mill-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, cioe' ghamel uzu minn pjanci tan-numri tar-registrazzjoni ohra GMY-065 li jappartjenu lil vettura ohra ta' ghamla "Mudan" w uzahom fuq il-vettura li kien qed isuq;**

**2) saq l-imsemmija vettura nru. IMY-323 minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (vettura garaxjata);**
**3) saq l-imsemmija vettura nru. IMY-323 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Mejju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(3), 15(1A) tal-Kap. 65, l-Artikolu 3 tal-Kap. 104, u 14, 34 tal-AL 478 tal-2004, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) fuq l-ewwel akkuza w hlas ta' multa komplessiva ta' elf u mitt lira Maltin (LM1100) fuq l-akkuzi l-ohra. Inoltre skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-31 ta' Mejju, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w htija, jew sussidjarjament, f'kaz illi din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ghas-sejbien tal-htija tal-appellant, joghgobha tirriforma l-istess sentenza appellata fir-rigward tal-kap tal-piena billi tirriduci l-perjodu ta' skwalifika miz-zamma jew otteniment ta' licenzja tas-sewqan inflitta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant minn perjodu ta' xahar ghal perjodu ta' tmint (8) ijiem jew kull perjodu iehor inqas minn xahar skond kif din il-qorti jkun jidhrilha l-aktar xieraq u opportun fil-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant – jekk taghsarhom mir-ripetizzjoni inutili w *ad nauseam* tal-istess argument li saret fir-rikors tal-appell - huma s-segwenti w cioe' li l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-aqwa prova ghax parti sostanzjali mix-xhieda li nghatat minn SE04 u l-*enforcement officer* l-iehor hi *hearsay evidence* u mhux *the best evidence*. Il-Prosekuzzjoni kienet irrinunzjat ghax-xhieda ta' Joseph Mifsud mid-**

**Divizjoni Teknika tal-Awtorita' tat-Trasport. Meta x-xhieda tal-prosekuzzjoni qalu li n-*number plates* kienu ta' van iehor Mudan, din il-kostatazzjoni ma ghamluhiex huma stess u alklura kienu qed jixhdu *detto del detto*. Dak li xehdu li l-van li kien isuq l-appellant kien tal-ghamla Ford Transit kienet biss opinjoni taghhom u ma trrizulta minn ebda opinjoni teknika . Hu maghruf li kull tant jimbidlu parts ta' diversi mudelli ta' vetturi wara xi habta. Ghalkemm Brian Farrugia xehed li l-appellant kellu van Ford Transit numru IMY 323 li kien gie *garaged* zmien qabel u li kellu ukoll van tal-ghamla Mudan , pero' dan ma xehedx liema van kien qed isuq fid-data in kwistjoni. L-unici xhieda li setghu jghidu dan kienu ufficjali tad-Divizjoni Teknika tal-ADT izda Joseph Mifsud ma xehedx. Fin-nuqqas ta' din il-prova l-akkuzi ma jirrizultawx sal-grad li trid il-ligi. Ix-xhieda tal-*Enforcement Officers* lanqas ma tista' titqies bhala prova indizjarja. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-appellant gie skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien xahar u peress li hu xufier tal-minibuses u dan huwa l-uniku sors ta' qliegh tieghu ghandu jigi applikat il-minimum ta' tmint ijiem sospensjoni skond l-artikolu 15(3) tal-Kap.65.**

**Rat l-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid;**

**Semghet it-trattazzjoni.**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu ri-assunti kif gej :-**

HORACE GENOVESE**, Senior Enforcement Officer mall-Awtrorita' dwar it-Trasport, xehed li fl-24 ta'**

**Jannar, 2006, kienu waqqfu van bit-tfal tal-iskola misjuqa mill-appellant go Triq il-Gran Mastru, Qormi Dan kien van Ford Transit bin-numru GMY 065 izda dan in-numru ma kienx jaqbel ma numru li kien hemm fuq il-licenzja li kien hemm fuq il-windscreen. Il-pjanci kienu ta' Van Mudan. Il-van Transit li kellu in-numri IMY 323 suppost li kien gie *garaged.* Meta kellmu lill-appellant, dan ammetta li l-fatti kienu hekk ghax kellu l-van l-iehor il-Mudan bil-hsara. Fit-triq ma kienx il-van li kien *insured* imma il-van li kien gie *garaged*. Wara marru fuq il-post u sabu il-Mudan ipparkjat bin-numri b' kollox. Meta haduh l-ufficcju l-van, Joseph Mifsud kien iccekkjah quddiemhom. Kienu huma stess li minn fuq il-*computer* iccekkjaw u sabu per ezempju li n-*number plates* li kellu t-Transit kienu ta' Mudan, apparti li l-istess appellant kien ammetta maghhom li n-numru kien ta' Mudan. Il-Ford Transit kien *garaged* u lanqas licenzja ma kellu imhallsa. Hu dan kien rah personalment minn fuq il-*computer*.**

**Enforcement Officer**. 157 JOSEPH BUSUTTIL **xehed li dak in-nhar fil-post fuq imsemmi kienu nnotaw Ford Transit bin-numru GMY 065 li quddiem ma kellux number plate imma numru fuq il-kartun fuq id-*dashboard*. Meta hu hares lejn il-gemb tal-vettura ra li fuq il-bieba, fuq l-isticker kien jidher li l-van kien minibus numru IMY 323 li ma jaqbilx man-*number plate* li kellu fuq wara. Meta iccekkjawlu l-licenzja ta' mal-*windscreen* sab li din kienet tghajjat lil van GMY 065, van Mudan, tip ta' mudell iehor. Meta staqsa lill-appellant ghal spjegazzjoni, dan kien wiegeb *"Ghax waqafli l-van."* Umbaghad haduh it-*technical department*, ghax il-procedura hekk hi u hemm irrizulta li l-appellant kien qed jaghmel uzu tal-pjanci fuq vettura ohra, kif kien qalilhom l-istess appellant.**

BRIAN FARRUGIA**, rapprezentant tal-Licencing and Testing Department, xehed li l-Ford Transit numru IMY 323 fl-24 ta' Jannar, 2006, kien registrat fuq Ethelbert Xuereb, ID 30587 (M). Qabel din id-data kien registrat fuq Manwel Falzon ID 83656 (M). Dan il-Ford Transit kien gie *garaged* fil-31 t' Ottubru, 2005**

**umbaghad gie skrappjat fit-3 ta' Mejju, 2006. Mill-31 t' Ottubru, 2005, ma setax jinsaq fit-triq ghax kellu l-pjanci mizmumin. Il-minibus l-iehor bin-numru ta' registrazzjoni GMY 065 huwa van Mudan *minibus 19 seater* u dan registrat f' isem Manwel Falzon ID 83656 (M), l-appellant, u ilu registrat fuq ismu mit-28 ta' Novembru, 2005 u ghadu hekk sal-lum u l-licenzja tieghu mhallsa.**

L-APPELLANT **ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti w ergo ma setax jixhed quddiem din il-Qorti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi minn dawn il-fatti kif fuq ri-assunti jirrizultaw pruvati abbondantement it-tlitt akkuzi dedotti kontra l-appellant u din il-Qorti hija altru milli sodisfatta sal-grad tac-certezza morali li ngabet l-aqwa prova tal-htija tal-appellant, inkluza l-ammissjoni tieghu *a tempo vergine* maz-zewg Enforcement Officers tal-ADT, b'mod li dan l-appell jirrazenta l-appell fieragh.**

**Illi anki kieku ma rrizultatx l-ammissjoni tal-appellant, ma kienx hemm bzonn ta' xi *expert knowledge* u ta' xi perizja teknika biex jigi stabilit li l-van li kien isuq l-appellant kien van Ford Transit ghax din tant hi vettura komuni li x' aktarx ma hawnx persuna f' Malta ta' kull eta' li ma taghrafhiex, ahseb w ara Enforcement Officers tal-ADT li xogholhom hu l-hin kollu mall-vetturi. Illi dawn irrizultalhom fuq il-post u *ictu oculi* li fuq il-gemb tal-van u fuq il-licenzja mall-*windscreen* kien hemm numru ta' vettura ohra w mhux dak li kien hemm fuq il-kartuna fuq id-*dashboard* u fuq in-*number plate* li kien hemm fuq wara. Lanqas biex tara dan b' ghajnejk ma trid tkun espert. Meta umbaghad huma ghamlu l-verifiki fuq il-computer, sabu li in-numru li kien hemm mall-gemb tal-van u fuq il-licence mall-windscreen kien jghajjat lil van Ford Transit u li n-numru fuq il-kartun u fuq wara kien jghajjat lil Mudan. Isegwi ghalhekk li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta abbondantement u li altru milli saret l-aqwa prova fir-rigward.**

**Irrizulta mbaghad li l-van li twaqqaf mill-enforcement officers u cioe' IMY 323 kif kellu miktub fuq l-isticker mall-gemb tal-van u fuq il-*windscreen licence*, kien gie *garaged* xhur qabel u li l-licenzja tieghu ma kienetx thallset. Dan sar mir-ricerka li Brian Farrugia ghamel fid-Dipartiment tieghu hu stess.**

**L-appellant ma ressaq ebda prova kuntrarja biex juri li l-van Ford Transit li kien isuq dak in-nhar kien licenzjat u li kien kopert b' *insurance* kif hu mistenni li jaghmel skond il-gurisprudenza stabilita.**

**Di fatti kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il**-Pulizija vs. Peter Paul Micallef" **[18.9.2002], kienet saret ukoll riferenza ghas-sentenza** "Il-Pulizija vs. Carlo Abela" **[15.07.96] fejn din il-Qorti irriteniet li jispetta lis-sewwieq biex jaghmel il-prova ta' kopertura u mhux lill-Prosekuzzjoni li tipprova li dik il-karozza partikolari ma kienetx koperta b' polza ta' assikurazzjoni jew li tali assikurazzjoni ma tkunx tkopri lil dak id-driver. Altrimenti biex issir tali prova kull darba jkunu iridu jigu prodotti bhala xhieda r-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha li joperaw f' Malta u Ghawdex biex jiddikjaraw jekk hemmx polza ghall-dik il-vettura jew le u f'kaz li iva jekk id-driver individwalment hux kopert . F'kull kaz, anki kieku il-karozza tkun koperta b'assikurazzjoni, dan ma jfissirx li kull driver li jirkeb fiha, ikunx licenzjat jew le, ikun ukoll kopert b'polza kontra r-riskji tat-terzi persuni ghax jistghu ikun hemm restrizzjonijiet dwar min ikun kopert b' polza partikolari.**

**Illi l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li :-**

**"Hadd ma jista' juza ...... vettura tal-mutur fit-toroq kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura MINNU (emfasi ta' din il-Qorti) ...... ma tkunx tezisti polza ta' sikurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni...."**

Illi it-test tal-ligi Ingliza li tkopri dil-materja u cioe' Sec. 143 (1) (a) tar-Road Traffic Act huwa kwazi identiku ghall-dan l-artikolu w jghid testwalment :-

***"a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle BY THAT PERSON (emfasi tal-Qorti) such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act..."***

**Illi l-pozizzjoni fil-ligi u l-Qrati Inglizi hi hekk ukoll. Di fatti kif jghid l-**ARCHBOLD **[Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998 , London, Sweet & Maxwell , p.2417] fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza :-**

***"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time:*** *Philcox vs. Carberry* ***{1960} Crim. L.R. 563 , D.C."***

**Illi f' dik is-sentenza saret riferenza ukoll ghall** Criminal Law Review **, 1960 li b' riferenza ghal din is-sentenza fuq citata , kkumenta hekk :-**

***"It is an established rule of evidence that where the truth of the party's allegation lies peculiarly within the knowledge of his opponent , the burden of disproving it lies upon the latter." {Halsbury's Laws of England , 3rd. ed. Vol.15 ,270} In the Criminal Law , it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some act in the absence of a licence or permission and similar cases . It was stated by Talbot J. obiter , in "****Williams v. Russell****" (1933) 149 L.T. 190 , that on a charge of using a motor***

***vehicle without there being in force a policy of insurance , the onus was on the accused to prove he had a policy. This would seem, with respect, a proper application of the principle and is confirmed by the present case .”***

**Umbaghad** BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE **(1992) [Blackstone Press Limited , p.1788] jghid:-**

***“In the case of driving without a licence, it is for the accused driver to prove that he is insured. (****Williams v. Russell* ***[1933] 149 LT 190;*** *Philcox v. Carberry* ***[1960] Crim. L.R. 563)***

**Illi fil-kaz in ezami l-appellant ma ressaq ebda prova quddiem l-Ewwel Qorti biex jipprova li l-vettura Ford Transit numru IMY 323 li nqabad qed isuq kellha licenzja biex tinsaq fit-triq w li kienet koperta b’ xi polza ta’ assikurazzjoni kif kien jinkombi fuqu li jaghmel, al menu sal-grad tal-probabbli. Lanqas fl-istadju tal-appell ma ttanta jew ipprova jesebixxi xi dokument li seta’ jikkonfortah f’ dan. Ghalhekk fl-istat tal-provi kif irrizulta anki quddiem din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kienet altru milli gustifikata li tiddeciedi kif iddecidiet u li ssib il-htija fuq it-tlitt imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant.**

**Illi ghar-rigward tal-piena, w partikolarment ghat-tul tal-iskwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan ordnat mill-Ewwel Qorti, ghalkemm hu minnu li skond l-artikolu 15 (3) tal-Kap. 65, il-piena ghat-tieni imputazzjoni hi ta’ skwalifika ghal zmien ta’ mhux inqas minn tmint ijiem, il-piena tal-iskwalifika ghat-tielet imputazzjoni ta’ sewqan ta’ vettura bla kopertura ta’ polza t’ assikurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi skond l-artikolu 3 (2A) tal-Kap.104, hija dik tal-iskwalifika milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien <u>ta’ tnax il-xahar</u> mid-data li jkun gie misjub hati, hlief jekk il-Qorti ghal ragunijiet specjali tikkunsidra li tordna mod iehor. Ghalhekk f’ dan il-kaz l-Ewwel Qorti diga erogat periodu ta’ skwalifika ferm inqas minn dak**

**minimu preskritt mill-ligi w dan minghajr ma semmiet ebda ragunijiet specjali.**

**Illi mbaghad zgur li mhux attenwanti l-fatt li l-appellant ghandu l-ghixien tieghu jiddependi mis-sewqan tal-mini buses biss. Anki kieku dan kellu jigi pruvat – li ma kienx - kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs.Paul Azzopardi" **[4.8.2006] il-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghixien tieghu** ***"ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunita' mill-kastig meta jinqabad isuq hazin".***

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b' dan li l-iskwalifika tal-licenzja kollha tas-sewqan tibda' ssehh minn nofs il-lejl (12 pm) tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------